MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2002

Numru 537/2001

**Illum 3 ta' Dicembru, 2002.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur P. Micallef Grimaud)**
**(Spettur Carmelo Magri)**
**vs**

**Johann Sultana**
**Aaron Ritchie**

L-imputat Johann Sultana bin Martin u Marthese nee' Zerafa, mwieled Pieta`, residenti Block E, Flat 7, Tar-Rabbat, Hamrun, bin- numru tal-karta ta' l-identita' 47882M hu akkuzat:

1. b'serq kwalifikat bil-mezz, valur, lok u hin,

2. b'ricettazzjoni,

3. bi ksur ta’ sentenza sospiza,

4. bir-ricedivita.

Huwa pacifiku li r-reat ta’ serq u ricettazzjoni huma ghad eskluzjoni ta’ xulxin, fis-sens li fl-istess persuna jew jirrizulta il-wiehed jew l-iehor. Fil-kaz rigwardanti l-imputat Johann Sultana m’hemm l-ebda prova li treggi kontra tieghu fil-konfront reat ta’ ricettazzjoni.

Mhux hekk ukoll dwar ir-reat ta’ serq fejn hemm identifikazzjoni posittiva u certa xhud Paul Galea. Ix-xhud stqarr (xhieda fol.48) li fil-gurnata u hin imsemmija fl-akkuza ra lill-imputat flimkien ma’ Aaron Ritchie jaqbzu minn tieqa ta’ wiehed mill-appartamenti tal-korp fejn irrizultat is-serqa minn wiehed mill-appartamenti. Xejn ma jiggova lill-imputat Johann Sultana li hu ma nqabbatx bir-rifertiva. Il-provi huma tali mhux biss ir-rifurtiva nstabet fil-pussess ta’ siehbu Aaron Ritchie li gie mizmum fuq il-post, izda wkoll li x-xhieda ta’ dan ix-xhud tirrendi mhux veritiera l-istqarrija ta’ l-imputat Sultana li jghid li f’dak il-lejl hu kien gewwa t’’Tattingers’, ir-Rabat.

Din il-Qorti m’ghandha l-ebda motiv u ma ssib l-ebda raguni valida ghaliex m’ghandhiex temmen lix-xhud, kif fil-fatt qeghda temmnu u tqis ix-xhieda tieghu mhux biss veritiera izda wahda sufficenti li ssib reita fl-imputat ghall-akkuza raportata kontra tieghu ta’ serq.

Dwar l-aggravji indebiti l-Qorti ser taghmel is-segwenti riflessjonijiet:

1. li fil-fehma taghha ma rrizultax kif sar id-dhul ghal gewwa l-appartament izda jirrizulta kif sar il-hrug u dan huwa sufficenti kif jipprovdi l-Artikolu 266 tal-Kap.9.

2. li fil-fehma taghha l-valur, eccedenti l-Lm100 izda inqas minn Lm1,000 jirrizulta wisq car mix-xhieda tad-derubat.

3. li fir-rigward iz-zewg aggravji l-ohra jirrizultaw aktar milli sodisfacjentement.

Illi apparti s-serq hemm ukoll l-akkuza ta' recediva li ma jirrizultax li giet pruvata kontrarjament ghal ksur tas-sentenza sospiza li tinsab pruvata bis-sentenza esebita Dok. CM4 folio 59 b'riferenza l-verbal foglio 58.

Illi jigi precizat li fil-kors tal-proceduri kien gie mitlub u milqugha s-separazzjoni tal-gudizzju ta' l-imputat u l-kawza giet deciza fil-kontront ta' l-imputat l-iehor Aaron Ritchie b'sentenza tas-26 ta; Novembru, 2001.

In vista ta' dan u fil-konfront ta' l-imputat Johann Sultana l-Qorti ghalhekk qeghda tiddikjarah hati ta' l-ewwel akkuza cjoe dik ta' serq aggravat bil-mezz, valur, hin u lok. Rat ir-rigward l-Artikolu 261(b)(c)(f), 266, 267, 269(g), 270, 278(3), 279(a), 280(2), 31 tal-Kap.9 u kkunsidrat ic-cirkostanzi personali ta' l-imputat kif rizultanti mix-xhieda ta' l-ufficjal tal-probation u l-psikjatra li taghmel l-infraskritta ordni billi tapplika kontra tieghu l-Artikolu 5 tal-Kap. 152 u tpoggih that sorveljanza ta' l-ufficjal tal-probation Marietta Lanzon u tinnominalu psikologu kif ordnat fil-verbal tal-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------